MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru 244/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J.Farrugia)**

**vs**

**Mario Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Curmi ta' 27 sena mwieled Pieta' nhar l-1 ta' Marzu, 1981 bin Carmel u Doris nee' Abela residenti f' 'Casa Curmi', Triq Guze' Muscat Azzopardi, Qormi u detentur ta' Karta tal-identita Nru. 012678(M) gie akkuzat:

Talli fil-lejl ta’ bejn it-28 ta’ Gunju, 2007 u d-29 ta’Gunju, 2007, fil-Limiti tal-Balal, San Gwann u f’ dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Ghamel hsara volontarja f’ nucalli, liema hsara hija aktar minn
€ 116.47 (Lm 50) izda anqas minn €1164.69 (Lm 500) ghad detriment ta’ Alfred Zammit li ghandu numru tal-I.D. 00018770(M).

2. Ghamel hsara volontarja f’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHR 276 tal-marka VW Polo, liema hsara hija aktar minn € 116.47 (Lm 50) izda anqas minn € 1164.69 (Lm 500) ghad detriment ta’ Christopher Cilia li ghandu numru tal-I.D. 000146283 (M) u terzi persuni ohra.

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi il-hajja f’ periklu car, izda bil-hsieb li jaghmel offiza hafifa fuq il-persuna ta’ haddiehor, ikaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Alfred Zammit li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 18770 (M).

4. Ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Raneiro Agius li ghandu numru tal-Karta tal-identita’ 0488585 (M).

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Alfred Zammit u Raniero Agius u torbot l-imputat Mario Curmi, b’ dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 et sequitur tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok KF1 u nnutat li l-imputat Mario Curmi m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dana anki mill-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet u inoltre iddikjara li l-hsara kagunnata mill-imputat, inkwantu ghall-parte civile Christopher Cilia hi fl-ammont ta’ Ewro 343.58 ekwivalenti ghal Lm 147.50 u nkwantu ghall-parte civile Alfred Zammit hi fl-ammont ta’ Ewro 232.94 ekwivalenti ghal Lm 100.

Innutat wkoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu qieghed jaqbel ma’ l-ammonti ta’ hsara kagunata minnu lill-parte civile Alfred Zammit u Christopher Cilia kif imsemmija u iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lill-parte civile Alfred Zammit u Christopher Cilia dawn l-ammonti. Inoltre l-istess imputat skuza ruhu mal-parte civile Christopher Cilia, Alfred Zammit u Raniero Agius presenti fl-Awla dwar l-akkadut.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-parte civile Alfred Zammit u Christopher Cilia presenti fl-Awla iddikjaraw li qeghdin jaqblu mal-modalita’ tal-hlas suggerita mill-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(b) u 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mario Curmi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza , li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dana anki mill-istadju inizjali tal-

investigazzjonijiet, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu qieghed jaqbel ma' l-ammonti ta' hsara kagunata minnu lill-parte civile Alfred Zammit u Christopher Cilia kif imsemmija u iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lill-parte civile Alfred Zammit u Christopher Cilia dawn l-ammonti u li inoltre l-istess imputat skuza ruhu mal-parte civile Christopher Cilia, Alfred Zammit u Raniero Agius presenti fl-Awla dwar l-akkadut, tillibera lill-imputat Mario Curmi taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Mario Curmi ghall-piena ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94) multa ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100).

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta, torbot lill-imputat Mario Curmi b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94) ekwivalenti ghall-Mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' Alfred Zammit, Christopher Cilia u Raniero Agius ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Curmi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------